**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Gunju 2001

Rikors numru 1584/99 AJM

Kawza numru

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju nru. 403/98 fl-ismijiet:

Strand Marine Ltd

Vs

Simon Borg Bartolo

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Andre' Scerri u Matthew Scott presentat fil-5 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu r-revoka tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi li gie ezegwit fuq id-dghajsa numru S-12801 li giet elevata bil-mandat in kwistjoni, li din terga titpogga fil-pussess taghhom flimkien ma' dawk id-dokumenti kollha mehtiega, li terga titpogga fil-bahar u li jigu likwidati d-danni sofferti bhala konsegwenza tal-istess mandat.

Rat ir-risposti ta' Simon Borg Bartolo u ta' Strand Marine Ltd.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-4 ta' Frar 1998 s-socjeta' Strand Marine Limited talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju (mandat numru 403/98) kontra Simon Borg Bartolo in kwatela tal-kreditu ta' erbat elef u hames mitt lira maltija (LM4,500) rappresentanti "*danni, uzu u deprezzament kagunati fil-lanca Wellcraft Excel 21 DX, liema lanca giet mibjugha lid-debitur mill-kreditur b'kuntratt tal-4 ta' Settembru 1997 u ghal liema d-debitur ma hallas xejn.*" L-esekuzzjoni tal-istess mandat gie rikjest fuq il-lanca imsemmija "*liema lanca tinsab Garage numru 7, accessibbli minn entratura forma ta' mina, St. George's Street, San Pawl il-Bahra.*" Eventwalment din id-dghajsa giet elevata u r-rikorrenti odjerni, li qed jghidu li hija proprjeta' taghhom, qeghdin jitolbu li l-mandat jigi revokat.

Ingiebu diversi provi u saru diversi sottomissjonijiet li jolqtu l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti u anke saret referenza ghall-proceduri li gew istitwiti sabiex tigi determinata l-proprjeta' tal-imsemmija dghajsa u dana minhabba li kien hemm "trasferiment" taghha u "registrazzjoni" f'isem ir-rikorrenti odjerni. Dan izda ghandu jifforma mertu tal-proceduri istitwiti u ma jikkoncernax l-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti.

Il-proceduri istitwiti mir-rikorrenti Scerri u Scott huma neccessarjament istitwiti in forza ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi huma l-provedimenti ta' dan l-artikolu introdotti bl-Att XXIV tal-1995 li jipprovdu ghall-proceduri permess ta' rikors fejn talba ghar-revoka ta'

mandat kawtelatorju jista' jigi revokat in toto jew in parte. Izda din il-fakolta' giet moghtija biss lill-parti li kontra taghha tali mandat jkun inhareg. Infatti s-subinciz (1) tal-istess artikolu jghid espressament hekk: "*Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra,* ***l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors*** *lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju ........ li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu*," u dana ghal xi wahda mir-ragunijiet kontemplati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess subinciz (1).

Dan l-artikolu ma nehha ebda dritt ta' terzi persuni li b'xi mod jigu milquta b'atti kawtelatorji li jikkonceraw persuni ohra, li jistitwixxu proceduri appoziti sabiex jilhqu l-ghan taghhom billi jigi dikjarat e.g. li l-effetti maqbuda huma proprjeta' taghhom. L-artikolu in kwistjoni kull ma ghamel kien li introduca procedura aktar mghaggla biex l-parti li jkun inhareg mandat kontra taghha titlob ir-revoka tal-mandat.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-mandat in kwistjoni gie ezegwit fuq talba tas-socjeta' Strand Marine kontra Simon Borg Bartolo. Ir-rikorrenti odjerni ma jirrizultaw bl-ebda mod fil-mandat bhala "*intimati*" u ghalhekk l-procedura adottata minnhom mhux idonea billi din il-Qorti qatt ma tista' tilqa' t-talba a termini ta' l-artikolu citat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fir-rikors promotur billi dawn huma irriti u nulli.

Spejjes ghar-rikorrenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri